# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Alan Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru: 678/2021**

**Illum, 11 ta’ Gunju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra **Alan Spiteri detentur tal-karta tal-identità bin-numru 502401L** akkuzat talli matul ix-xhar ta’ Awwissu 2021 gewwa Wied il-Ghajn u F’dawn il-Gzejjer:

**Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' ta' sittax-il sena u cioe' -Omissis- mwielda fit--Omissis-.** Art 204C(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Gunju 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

**IKKUNSIDRAT**

Illi dawn il-proceduri jikkoncernaw allegazzjoni ta' attivitajiet sesswali bejn l-imputat, li fiz-zmien tar-reat kellu dsatax (19)-il sena, u l-minuri -Omissis-, li fiz-zmien tar-reat kellha tnax (12)-il sena.

Illi l-Kodici Kriminali fl-Artikolu 204C(1) a rigward dan ir-reat jistipula s-segwenti:

*"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi definizzjoni ta' x'inhi attivitajiet sesswali tohrog mis-sentenza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa Mangion</u>** [1] fejn intqal:

*"Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar 23/07/2014 – 1081/2013.

*atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal- persuni nvoluti fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali."*

Illi dan is-sub-inciz qed jigi kkwotat propju minhabba l-fatt illi din il-Qorti ma tistax issiblu applikazzjoni minhabba l-fatt illi bejn l-età tal-imputat dakinhar li gie kommess ir-reat u l-età tal-minuri kien hemm seba' (7) snin. Illi di piu' l-minuri dakinhar kellha tnax (12)-il sena biss u ghalhekk il-maturità jew in-nuqqas ta' maturità taghha tohrog mill-istess età tenera taghha.

B'referenza ta' dan huma n-numru ta' sentenzi li nghataw minn din il-Qorti fuq din il-materja li giet stabbilita differenza ta' età li ma tmurx oltre' l-hames (5) snin apparti li jrid jigi ppruvat li l-maturità tat-tnejn kienet tal-istess livell. Qed tigi kkwotata wkoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) bl-ismijiet **Ir-**

**<u>Repubblika ta' Malta v. Deniro Bugeja</u>** [2]fejn gie stabbilit ukoll dan ir-ragunament fl-ewwel istanza u ghalkemm is-sentenza tal-ewwel Qorti giet riformata dan ir-ragunament gie kkonfermat meta nghad is-segwenti:

*"L-appellant għalkemm kien zbaljat b'sena fir-rigward tal-eta' tal-vittma, madanakollu kien jaf ben tajjeb meta huwa dahal f'relazzjoni sesswali maghha illi din kienet ghadha minorenni u li ghalhekk seta' jesponi ruhu ghas-sanzjoni tal-ligi. Kien jaf li A kienet ghadha tmur l-iskola, u allura dan il-fatt wahdu kien bizzejjed sabiex lilu tqieghdu f'allert, izda xorta wahda ghazel li jaccetta l-avvanzi sesswali tal-minuri bil-konsegwenza illi minhabba l-eta' immatura taghha l-attrazzjoni li hija kellha lejh wasslet ghal fissazzjoni jekk mhux ossessjoni tant illi imbaghad meta din bdiet iddejjqu ried jehles minnha. L-appellant ghalkemm kien jaf li din it-tifla kienet ghadha f'dak il-perijodu taz-zmien meta kienet qed tesplora l-intimita' sesswali taghha u ghalhekk kienet aktar imhajjar tinvovli ruhha f'relazzjoni ma'guvni akbar minnha fl- eta', ghazel il-gratifikazzjoni sesswali tieghu meta kien evidenti li kien ghadu iqies lil A bhalha*

[2] Att tal-Akkuza 15/20 – dec 15/10/2022

*tifla, "zghira minn mohhha" u ghalhekk ma kellu ebda intenzjoni jibni relazzjoni serja maghha. Il-Qorti għalhekk bhal Qorti Kriminali qabilha certament tqies illi l-mitigazzjoni fil-piena mahsuba fl-artikolu 204C(3) tal-Kodici Kriminali certament ma tistax issib applikazzjoni ghal dan il-kaz. . . .".*

Intqal ukoll:

*". . . . ma jressaq ebda cirkostanza specjali li tista' tiggustifika l-applikazzjoni tas-sub-inciż (2) tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali favur tieghu, ghajr ghal fatt illi jghid illi l-agir kriminali tieghu kien konsegwenza tal-volontarjeta' tal-att minn naha tal-vittma, element li ghalkemm jiggustifika mitigazzjoni fil-piena ghar-reat lilu addebitat bl-artikolu 204C, madanakollu ma jwassalx sabiex huwa jibbenifika ulterjorment fir-rigward ta' sentenza ta' prigunerija ohra li ma ghandha xejn x'taqsam mal-fattspecje tal-kaz. L-appellant kien ben konxju tal-fatt illi meta huwa ghazel li jippartecipa f'att sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' kellu sentenza ta' prigunerija sospiza fuq rasu u kwindi l-fatt illi dawn l-atti impudici u libidinuzi*

*kienu konsenswali ma jnaqqas xejn mis-sanzjoni tal-ligi li tirrendi operattiva tali sentenza sospiza."*

Illi l-fattispeci tal-kawza hawn fuq ikkwotat ghandhom sembjanzi kbar lejn xulxin. Fil-kaz inezami l-imputat ammetta li ingaggja f'attivitajiet sesswali mal-minuri -Omissis- meta huma kienu fuq is-sodda jaraw it-televixin flimkien mal-gharus tal-istess minuri. L-istess imputat kien jaf piu' o meno tal-età tal-minuri u kien jaf li l-minuri kienet thobb taghmel dawn l-affarijiet kif hareg b'mod car mit-tieni stqarrija tieghu[3] imma xorta wahda ghazel li jiqba' fuq l-istess sodda flimkien mal-minuri u l-gharus taghha fejn kien pjuttost prevedibbli x'kien ser isir. Di piu' huwa jghid ukoll illi hija kienet liebsa hoodie minghajr qalziet ta' taht u alla jbierek ma jafx jew ma ra xejn kif din nehhiet il-hwejjeg taghha u libset din il-hoodie li ma kinitx taghha u kif nehhiet il-qalziet ta' taht. Illi huwa minnu li l-istess minuri bdiet tinstigah biex jaghmel dak li ghamel meta poggietlu jdejh fuq il-parti taghha u ppenetraha b'subghajh, izda din mhijiex difiza valida ghaliex huwa seta' facilment evita dan kollu multo magis li l-minuri kellha biss **<u>tnax (12)-il sena.</u>**

[3] Dok. KV2 – folio 72.

Ghal dan il-fatt tal-età tal-minuri qed tigi kkwotata sentenza li ghalkemm titratta fuq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li ghandu elementi differenti, però ssib analogija inkwantu ghal gravità ta' dawn it-tipi ta' reati fuq minuri ta' età zghira. Din hija sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrew Bonnici** [4]:

> *"It-tieni aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li ma jirrizultawx l-estremi kollha tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorrenni, u b'mod partikolari li ma jirrizultax li bhala fatt kien hemm il-korruzjoni. Dana l-aggravju hu infondat u jirrazenta l-fieragh. Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-ghemil li ghamel l-appellant kemm fuqu nnifsu kif ukoll fuq il-persuna ta' l-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott, anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga jaf certu fatti tal hajja jew ikollu xi esperjenza sesswall."*

Illi dawn il-fatti gew ikkorroborati permezz tax-xhieda tal-istess minuri **-Omissis-** fejn hija tghid permezz tas-sistema awdjoviziva illi fid-dar fejn kien jghix l-imputat marru hi u

[4] Dec QA 23/01/1998.

l-ex gharus taghha li kien taht is-sittax (16)-il sena dak iz-zmien, tghid illi ghamlu zewg sodod flimkien u qalulha biex tmur hdejhom fejn din qaghdet f'nofshom. Tghid ukoll illi hi u Alan Spiteri bdew jitkellmu fuq is-sess u beda juriha xi ritratti tieghu bla hwejjeg, imbaghad hu ppenetraha b'subajh.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ghandha tirrimarka fuq il-fatt illi dak li ntqal mill-imputat fit-tieni stqarrija tieghu u dak li qalet il-minuri ma jikkombacjawx perfettament izda tinnota wkoll illi fl-ewwel stqarrija tieghu l-imputat kien cahad kategorikament li gara xi haga bejnu u bejn il-minuri ghaliex jghid li kien jaf ben tajjeb li din kellha età zghira u ma riedx jidhol fit-trouble. Imbaghad fit-tieni stqarrija wara li qal li ma riedx jitkellem ghaliex kien qed jisthi mill-pulizija mara jghid illi kienet il-minuri li kienet enkoraggietu li jaghmel dawk l-atti.

Il-Qorti tirrimarka però li dak li huwa cert hu li dawn l-atti saru permezz li l-imputat ippenetra l-parti privata tal-minuri b'subghajh u dan huwa bizzejjed sabiex dan ir-reat jissussisti.

Illi jrid jigi puntwalizzat ukoll illi din il-Qorti ma gietx rinfaccjata b'xi difiza min-naha tad-difiza ghal xi

mitigazzjoni tal-piena u ghalhekk din il-Qorti ser toqghod fuq il-piena li tistabbilixxi l-ligi izda fuq il-minimu.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat Alan Spiteri hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tikkundannah ghal piena ta’ hames (5) snin prigunerija effettiva.**

**Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna li isem l-imputat jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta’ dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.**

_____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**